**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

**36/19**

**Is-sitta u tletin (36) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-23 ta' Marzu, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
   (a) Proġett Palazz l-Aħmar
   (b) Misraħ Santa Venera: Attivita' 3 ta' Mejju 2015
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

## 2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 35/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti 34/19**

2.2.1 Minuta 3.3 - jiżdied paragrafu " Darren Carabott irrimarka li kien hemm nuqqas ta' *feedback* minn naħa tal-Kunsill għar-rigward tal-preżenza tal-għaqdiet fil-*workshops*. Jonathan Brimmer irribatta billi sostna lis-Segretarju kien bagħat diversi ittri u saħansitra ġew organizzati laqgħat għall-għaqdiet. Jason Mangani kkritika lir-rappreżentat tal-P.N għax ħass lid-diskors li ntqal ma kienx floku."

2.2.2 Minuta 3.6 – titneħħa l-kelma "avvenimnet" u ssir "avveniment".

2.2.3 Minuta 5.1– titneħħa l-frażi "vot tas-Sur Anastasi kien kontra" u ssir "vot kontra tas-Sur Anastasi"

2.2.4 Minuta 5.3 – titneħħa d-data "12 ta' Marzu" u ssir "28 ta' Marzu"

2.2.5 Minuta 5.5 – tkun imħassra

2.2.6 Minuta 7 (ilment 635) – titneħħa l-frażi "tiflaħ tibqa' hekk" u issir "issir verifikazzjoni mar-resident"

2.2.7 Minuta 9.6 – titneħħa l-kelma "nfurmah" u issir "żied" u tiżdied "għandha tinġibed l'attenzjoni wkoll dwar in-*No Service* mal-*bus stops*.

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa ġew approvati unanimament.

**3. Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li ser jinħareġ avviż għal dawk iż-żgħażagħ interessati li jkunu membri tal-Kumitat taż-Żgħażagħ fejn ic-Chairperson ikun l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Huwa importanti li dawk interessati jkollhom bejn 14 'l sena u 18 'l sena. Dan l-avviż ser ikun ippubblikat fuq in-*notice boards* tal-Kunsill u fuq il-paġna tal-*facebook*.

3.2 Minuta 3.3 – Is-Sindku staqsa lis-Sur Jason Mangani sabiex jinforma lill-membri kif marru fit-twinning li sar ġewwa Lousa il-Portugal. Is-Sur Mangani spjega li ġewwa Lousa kellhom programm kompatt ħafna u fost oħrajn żaru l-iskejjel li hemm fil-lokal.

Is-Sindku talab lis-Sur Mangani sabiex fil-laqgħa li jmiss ikun ppreżentat rapport fuq it-Twinning li sar ġewwa Lousa l-Portugal.

3.3 Minuta 9.4 – Is-Sindku rrimarka li ser issir laqgħa fuq il-post ma' TM it-Tlieta 24 ta' Marzu 2015 sabiex tkun diskussa l-probabilta' li l-arblu tal-festa jerġa' jitpoġġa fejn kien oriġinarjament.

F'dan l-istadju (7.00pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 7 ta' l-Aġenda.

Il-Membri qablu unanimament

**4. Ordnijiet tal-Ġurnata**

**(a)Proġett Palazz l-Aħmar**

Il-Perit Robert Sarsero spjega l-pjanti tal-proġett tal-Palazz L-Aħmar fid-dettal lill-membri tal-Kunsill. Il-Perit Sarsero nforma lill-membri kollha li l-*costings* li ppreżenta huma biss estimi preliminari.

Is-Sur Darren Carabott irrimarka li f'dan il-proġett għandha issir parti fejn l-klieb ikunu jistgħu jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom. Is-Sindku qabel u ppropona sabiex il-perit jimmodifika l-pjanti sabiex jinkludi dan il-ħsieb.

Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri x'jaħsbu għall-possibilta' li issir kiosk peress li ser ikun hemm *open gymn*. Il-Viċi Sindku, s-Sur Jonathan Brimmer ma qabilx minħabba li jista' jkun ta' inkonvenjent għar-residenti. Wara diskussjoni, is-Sindku rtira s-suġġeriment tiegħu.

Is-Sindku qal li skont l-istima preliminari, il-proġett ser jiswa madwar €130,000 fejn madwar €70,000 ser jingħataw mill-Awtoria' tad-Djar taħt l-iskema 1–Insaħħu l-Komunita' - Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern. Barra minhekk il-Kunsill ser japplika sabiex juża l-fond tal-UIF li jammonta għal €40,000 u l-kumplament ser jitħallas direttament mill-Kunsill.

Il-Membri qablu unaninmament.

F'dan l-istadju (fis-7.45 pm) il-Perit u s-Sur Horace Anastasi ġew skużati għall-kumplament tal-laqgħa.

(b)Misraħ Santa Venera: Attivita' 3 ta' Mejju 2015

Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-ispiża tal-irħam li jridu jsiru f'Misraħ Santa Venera fuq il-pedestall. Is-Sindku rrimarka li rċivejna tlett kwotazzjonijiet tal-irħam mingħand R Pisani Art Marble €1,805, Montebello Art Works Ltd €1,923 u Beautiful Marbles €2.065.

Is-Sindku ppropona għandna mmorru fuq l-irħas kwotazzjoni jiġifieri dik ta R Pisani Art Marble. Is-Sur Silvio Vella ssekonda l-proposta filwaqt li l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

Is-Sindku fakkar lill-membri li l-inawgurazzjoni ta' Misraħ Santa Venera ser issir fit-3 ta' Mejju, 2015 fil-ħdax ta' filgħodu taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta s-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca. Il-ħsieb huwa li jkun hemm parata mill-Iscouts u wara jsir diskors mis-Sur Charles Scerri l-benefattur tal-istatwa,

preżentazzjoni mis-Sur Mario Coleiro dwar l-istorja, jagħmel kelmtejn tal-okkażjoni is-Sindku u fl-aħħar tagħmel il-messaġġ tagħha l-President ta' Malta. Wara isir il-kxif u t-tberik tal-istatwa mill-Provinċjal. Fl-aħħar jindaqq l-Innu ta' Santa Venera u l-Innu Malti u eventwalment ssir bibita żgħira tal-okkażjoni.

Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li għamel kuntatt mal-banda Filarmonika ta' Santa Venera sabiex ikunu preżenti għal din iċ-ċerimonja. Huwa qal li biex il-banda tipparteċipa għal madwar 30 minuta l-ispiża ser tkun ta' madwar €400. Il-membri tal-Kunsill qalu lis-Sindku li l-prezz li qed jintalab huwa għoli u għaldaqstant issuġġerixxew li għal dan l-avveniment il-Kunsill jista' juża is-servizz ta' Dario u Grecia Bezzina.

Is-Sindku flimkien mal-membri tal-Kunsill qablu fuq dak li kien issuġġerit li jintuża s-servizz ta' Dario u Grecia Bezzina.

Is-Sindku nforma lill-membri li għal din l-okkażjoni qiegħed jipproponi l-kiri ta'siġġijiet, ikel u xorb għall-bibita. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-bibita ssir fl-istess Misraħ. Is-Sinjura Elizabeth Vella ssekondat lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

**Titkompla Punt 4 tal-Aġenda - Korrispondenza**

**5 Korrispondenza**

5.1 Is-Sindku informa lill-membri dwar l-iskema tal-Life Long Learning fejn il-Kunsill jista' japplika sat-30 ta' Marzu, 2015 sabiex fil-lokalitajiet isir taħriġ fuq diversi suġġetti. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel sabiex japplika għal taħriġ bażiku tal-lingwa Maltija, Ingliża, Franċiż u Spanjola.

Il-Membri qablu unanimament.

5.2 Is-Sindku nforma lill-membri li l-fond tal-Urban Improvement Fund UIF huwa ta' €40,438 li kif diga' semma' qabel ser jintużaw għall-proġett tal-Palazz l-Aħmar.

Il-Membri qablu unanimament.

5.3 Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill Lokali irċieva komunikat mingħand l-ETC fejn qed jitolbu lill-lokalitajiet sabiex tingħabar nformazzjoni fuq nies b'diżabilita' li jixtiequ jidħlu fid-dinja tax-xogħol. F'dan ir-rigward is-Sindku ssuġġerixxa sabiex ninfurmaw lill-Kappillan sabiex waqt l-Avviżi tal-Parroċċa ta' nhar il-Ħadd 29 ta' Marzu, 2015 jinforma lir-residenti li nies li għandhom diżabilta' u jixtiequ jaħdmu jistgħu jinfurmaw lill-Kunsill Lokali bid-dettalji sabiex jattendu sezzjoni ta' informazzjoni li ser tkun organizzata mill-ETC.

Il-Membri qablu unanimament.

5.4 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand mis-Segretarja tal-klabb tar-Rugby Valletta Lions, is-Sinjura Antonella Calleja, sabiex tkun introdotta l-logħba tar-*rugby* fost it-tfal. Is-Sindku rrimarka li huwa jemmen li għal benefiċċju tas-saħħa, kull tip ta' sport huwa tajjeb. F'dan ir-rigward huwa jixtieq jinkoraġġixxi l-iskejjel tal-lokal b'ittra sabiex jippromwovu l-logħba tar-Rugby. Apparti dan hemm il-ħsieb ukoll li jipprovdulhom xi forma ta' lezzjonijiet dwar *healthy food* u jispjegaw x'danni jikkawża jekk minn eta żgħira l-ikel li jieklu ma jkunx qed jiġi utilżżat kif suppost. Dan kollu qed jiġi offrut b'xejn senza interessi.

Il-Membri qablu unanimament.

5.5 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand Maria Cauchi sabiex isir *artistic artwork* minn grupp ta' tfajliet u titpoġġa fl-entratura tal-Kunsill għall-perjodu ta' tlett ġimgħat. Wara din l-*artistic artwork* ser tingħata bħala donazzjoni lill-Kunsill.

Il-Membri qablu unanimament.

5.6 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill għall-Wirja Nazzjonali tal-Ħortikultura li ser issir is-Sibt 2 u l-Ħadd 3 ta' Mejju, 2014. Is-Sindku nnomina lis-Sur Jason Mangani sabiex jagħmel qoffa mżejna bil-ħaxix Malti għal din l-attivita'.

Il-Membri qablu unanimament

**6 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

6.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

**7 Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 650 sa lment numru 669.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 650 | Niktbu formalment lill-Lidl |
| 651 | Pendenti invista li jirrikjedi Major patching |
| 652 | Azzjoni ttieħdet |
| 653 | Azzjoni ttieħdet |

| | |
|---|---|
| 654 | Għaddejja komunikazzjoni ma' Transport Malta |
| 655 | Azzjoni ttieħdet |
| 656 | Irid ikun identifikat il-post fejn ser jitwaħħal |
| 657 | Azzjoni ttieħdet |
| 658 | Is-Sindku ser iressaq dan l-ilment waqt il-laqgħa tar-Reġjun |
| 659 | Ħaddiema Assenjati |
| 660 | Azzjoni ttieħdet |
| 661 | Ma tistax issir minħabba li ma jkunux jistgħu jgħaddu nies bil-wheelchair jew bil-pushchairs |
| 662 | Qed nistennew il-kunsens ma' Sid il-Ħanut sabiex titwaħħal mal-faċċata tiegħu |
| 663 | WSC |
| 664 | Green Warden |
| 665 | Azzjoni ttieħdet |
| 666 | Koptasin |
| 667 | Azzjoni ttieħdet |
| 668 | Aġenzija Żgħażagħ |
| 669 | Azzjoni ittieħdet |

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ma kien hemm l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kunitati li ġew preżentati waqt is-36 laqgħa.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku stieden lis-Sur Darren Carabott sabiex jinforma lill-membri dwar il-laqgħa li kien attenda dwar l-*Animal Guardian Malta*. Is-Sur Carabott qal li din kienet laqgħa dwar *stray cats*. Huwa kompla billi qal li l-pjan huwa li ser ikun hemm wieħed simili f'kull lokalita' kif bħalissa diġà hemm *action group* ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala u tas-Sliema. Is-Sur Carabott żied jgħid li l-*action group* ikun iffurmat minn rappreżentant tal-Assoċjazzjoni, *feeders* li hawn fil-lokal, il-kunsillier responsabbli mill-annimali u r-residenti li jixtiequ jinvolvu ruħhom. Is-Sindku rrimarka li f'dan l-istadju jitlob lis-Sur Carabott sabiex jikkordina dan l-action grupp u jinforma lill-Kunsill xi jkun qiegħed għaddej. Is-Sindku talab lis-Sur Carabott sabiex permezz tal-email jinforma lill-Assoċjazzjoni u jikkopja lill-Kunsill bid-dettalji tal-*feeders* u jikkordina laqgħa mal-Kummissarju tal-Ħarsien tal-Annimali fejn għal din il-laqgħa s-Sindku jixtieq li jkun preżenti.

9.2 Is-Sindku imforma lill-membri li irċieva ittra mingħand l-Iscouts sabiex is-Sibt 18 ta' Lulju 2015 jgħamlu attivita' quddiem il-parkeġġ tal-kwartieri tagħhom. Is-Sindku

rrimarka li hu m'għandux oġġezzjoni apparti li ser jinfurmhom li fid-data msemmija tkun ġimgħa qabel il-festa u f'dak iż-żmien fil-lokalita' jkun hawn diversi bibiti.

Il-Membri qablu unanimament.

9.3 Is-Sindku qal lill-membri li l-Kunsill li wara laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Ministru Joe Mizzi u Transport Malta kien hemm qbil sabiex tkun irranġata l-bankina ta' fejn ir-*roundabout* ta' Triq il-Kappillan Mifsud peress li it-tarf tal-bankina qiegħed ħiereġ wisq 'il barra fit-triq u qed ikun ta' detriment għas-sewwieqa li jkun għaddejjin minn hemm.

Il-Membri qablu unanimament.

9.4 Is-Sindku nforma lill-membri li hemm bżonn isiru xi tiswijiet fuq il-cables kollha tal-compjuters minħabba l-fatt li mhux qiegħed ikun hemm aċċess għan-network.

Il-Membri qablu unanimament

9.5 Is-Sindku nforma lill-membri li fin-nuqqas ta' dawn l-aħħar ħames snin ser terġa' tiġi ppubblikata ir-rivista tal-Kunsill L-Akkwadott. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-ażjendi jistgħu jirriklamaw f'din ir-rivista. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddecieda fuq dawn:

| | **Kulur** | **Iswed u abjad** |
|---|---|---|
| **Kwart ta' paġna** | **€80** | **€40** |
| **Nofs paġna** | **€120** | **€60** |
| **Paġna sħiħa** | **€200** | **€100** |

Is-Sinjura Elizabeth Vella ssekondat lis-Sindku filwaqt li l-membri l-oħra qablu unanimament.

Is-Sindku qal li tintbagħat ittra lill-għaqdiet tal-lokal sabiex minn ikun irid ikun jista' jikteb kelmtejn f'isem l-għaqda. Il-Proċess ser ikun *first come fisrt served* minħabba l-fatt li għal kull ħarġa ta' din ir-rivista messaġġ ta' għaqda waħda biss ser tkun ippubblikat.

Il-Membri qablu unanimament

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

**KUNSILL LOKALI**
**SANTA VENERA**

**SANTA VENERA**
**LOCAL COUNCIL**

**10. Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 20 t'April, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 20/4/2015